# Dun Xand Cortis (1856 - 1916)

## Mitt sena mill-mewt tiegħu

**Seklu mill-mewt ta' Dun Xand Cortis, SAVIO D. BORG jikteb dwar dan is-saċerdot żelanti, iben Ħad-Dingli, kittieb, missjunarju f'diversi pajjiżi u rettur tal-knisja ta' Santa Venera. Fi tmiem l-artiklu qed nippubblikaw tnejn mill-prapsar li kiteb Dun Xand Cortis ambjentati f'Ħad-Dingli u f'Ħal Tartarni.**

Xandru twieled fil-11 ta' Jannar, 1856, fil-kampanja ta' Ħad-Dingli n-naħa tal-Ġnien fuq l-Għajn, iben Ġanni u Klemenzja, xebba Muscat. Għammduh l-għada fil-knisja parrokkjali u bħala parrini kellu lill-Baruni Alessandru Xiberras d'Amico u lil martu Marija Teresa. Kien ir-raba' wieħed fost ħutu Roża, Pawlu, Mattew, Xandru, u Klawdju. Twieled f'familja ta' kampanjoli, jaħdmu r-raba' minn tlugħ ix-xemx sa nżulha, reliġjużi u ħawtiela. Bħala tifel Xandru kien imur l-iskola tal-gvern, is-Seminarju u l-Università. F'żgħożitu Xandru wera l-ħsieb li jkompli għal saċerdot; ħu Xandru, Mattew ukoll kien qed jistudja għal saċerdot. Għalhekk il-piż finanzjarju kien tqil għall-familja li ma kellhiex introjtu kbir. Kien għalhekk li Xandru bata' sew biex laħaq saċerdot. Ta' 19-il sena daħal fil-Kulleġġ tad-Dumnikani fil-kunvent tar-Rabat, fejn studja l-filosofija u t-teoloġija. F'Settembru 1881 ngħata d-Dottorat fid-Divinità u fis-17 ta' Diċembru 1881, ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Carmelo Scicluna. Fl-1884 siefer l-Italja biex jissokta bl-istudji tiegħu.



*Dun Xand Cortis (Ħajr għar-ritratt: M Delicata mill-ktieb Il-Praspar miktuba minn Dun Xand Cortis)*

Fl-1886 il-familja Cortis minn Ħad-Dingli marret toqgħod Ħal Balzan. Dun Xand beda jagħti sehmu fil-ħajja parrokkjali ta' dan ir-raħal. F'dan iż-żmien kien kappillan fil-Konservatorju Vincenzo Bugeja, fil-Ħamrun. Meta ħu Dun Xand, Dun Mattew, laħaq kappillan ta' Ħal Lija, il-familja Cortis marret tgħix miegħu. Għalkemm ta' karattru ferm differenti, iż-żewġt aħwa stinkaw u ħadmu għall-ġid spiritwali u materjali tal-parroċċa. Filwaqt li Dun Mattew kien ta' karattru serju ħafna u ta' dixxiplina kbira, Dun Xand kien ferrieħi u ċajta kien jagħmilha u jistedinha b'idejh stess.

Fl-1901 Dun Xand laħaq rettur tal-knisja ta' Santa Venera. L-irħajjel ta' Santa Venera kien kompletament differenti milli hu llum. Kien hemm il-knisja l-qadima, li għadha wieqfa, u ftit bdiewa madwarha. Kien hemm saħansitra xi djar li kienu jservu ta' villeġġjatura għas-Sajf! F'dan l-ambjent, li jixbaħ ħafna lil Ħad-Dingli ta' żmien Dun Xand, sab ruħu s-saċerdot minn Ħad-Dingli. Kien l-Isqof Mons. Pietru Pace li wara li l-Ġiżwiti telqu l-kustodja tal-knisja ta' Santa Venera, innomina lil Dun Xand biex jieħu ħsieb il-knisja ta' Santa Venera u l-irziezet tal-madwar. Dun Xand jidher li dara' mill-ewwel fix-xogħol pastorali. Biss beda' jaħseb u jistinka biex il-knisja tgħaddi lil xi ordni reliġjuż. Bl-isforzi tiegħu, fil-11 ta' Marzu 1913, il-knisja ta' Santa Venera inqatgħet mill-Matriċi ta' Santa Elena ta' Birkirkara u ġiet mgħollija għal Viċi Parroċċa. Fl-istess digriet, il-Viċi Parroċċa ngħatat lill-Ordni Karmelitan, biss Dun Xand baqa' jagħti servizz utli lill-knisja ta' Santa Venera. Dun Xand stinka ħafna biex il-knisja tgħaddi f'idejn il-Karmelitani u dan minħabba li bħala konfessur u ħabib

kbir tiegħu kellu lil Patri Spiridione Vassallo O. C. Dun Xand ried iserraħ moħħu li l-kura spiritwali tal-poplu ta' Santa Venera ma tkunx traskurata u b'xi mod mhedda. Sfortunatament ma laħaqx ra lil Santa Venera ssir parroċċa fl-1918 u b'hekk saret l-ewwel knisja parrokkjali li għaddiet għand l-Ordni Karmelitan. Bil-mod il-mod l-inħawi ta' Santa Venera bdew jikbru u aktar nies bdew imorru jabitaw fl-inħawi. Dun Xand tant ħabb lil Santa Venera li bena dar biex joqgħod fiha u li għadha wieqfa sallum fi Triq Braille.

Dun Xand kien predikatur tajjeb ħafna magħruf ma' Malta kollha. Kien imsieħeb fil-Missjoni ż-Żgħira. Stinka ukoll bħala missjunarju f'artijiet fejn kien hemm ħafna emigranti Maltin. Hekk insibu li fl-1890 mar il-Palestina, fl-1892 u fl-1894 mar it-Tuneżija. Fl-1896 insibuh fl-Alġerija. Minn Frar tal-1899 sal-1900 mar it-Tuneżija u l-Alġerija għall-missjoni. F'Novembru 1901 telaq lejn il-Greċja u Korfù biex jaħdem fost il-Maltin t'hemm. Ħalla kitbiet interessanti fuq xi uħud mill-esperjenzi li kellu f'dawn l-artijiet.



*Fis-sensiela Mogħdija taż-Żmien, Dun Xand ippubblika l-praspar tiegħu, kontribut għal-letteratura popolari Maltija*

Biss l-aktar kamp li Dun Xand ta kontribut kbir fih kien bla dubju ta' xejn il-qasam letterarju. Iż-żmien li Dun Xand kien student ta' Dun Ludovico Mifsud Tommasi bilfors li qanqal fih interess għall-kitba. Mifsud Tommasi kien magħruf għall-poeżiji tiegħu li kien jikteb u jqassam b'xejn. Kien jikteb ħafna kurunelli b'tifħir lil xi qaddis/a li ħafna minnhom għadhom jingħadu sallum. Il-Prof. A. Cuschieri O.C. kiteb hekk fuq Dun Xand, "Ftit huma dawk li jafu l-Malti bħalma jafu Dun Xand... Dun Xand il-kelma kien isibha dejjem, u tajjeb; tant tajjeb, li ftit huma dawk li jistgħu jħabbtuha miegħu... Kemm kien bieżel u kemm ġid għamel lil dawk in-nies li ma jafux jaqraw ħlief bil-Malti..." Dun Xand kien pijunier li mill-ewwel induna bil-qawwa tal-kitba speċjalment dik bil-Malti. Kiteb ħafna kotba fosthom 'Tifsir it-Trasfigurazzjoni ta' Ġesù Kristu', 'Il-Ġrajja ta' Lourdes', 'Santa Marija', 'Tifsir fuq it-Terra Santa', 'Fra Diegu u l-Istitut Tiegħu', u ħafna oħrajn. Kien kontributur ewlieni fis-sensiela li kien jippubblika s-Sur Alfons M. Galea bl-isem ta' 'Mogħdija taż-Żmien'. Għen biex din il-pubblikazzjoni ta' Galea titwassal ankè lil Maltin emigranti. Dun Xand baqa' magħruf ukoll għad-disgħa u tmenin praspura/aneddotu li kiteb. Fost il-praspar ta' Dun Xand hemm xi uħud li huma ambjentati f'Ħad-Dingli jew f'Ħal Tartarni.

Wara li ġie minn Korfù, saħħtu bdiet tkiddu. Fl-1909 kellu l-ewwel problemi f'saħħtu; l-istess ġara fl-1913-14. Biss xorta baqa' jikteb b'mod regolari għalkemm mhux bħal qabel. Dun Xand kien iħobb jimxi xi passejn qalb il-kampanja mal-ħabib tiegħu Patri Spir Vassallo O.C. Waqt waħda minn dawn il-passiġġati soliti tiegħu, meta qorbu ħdejn l-inħawi tal-Imrieħel, ħdejn l-arkata l-baxxa (faċċata ta' fejn illum hemm il-birrerija ta' Farsons), tah ħass ħażin ikrah. Huwa rċieva l-assuluzzjoni minn idejn il-konfessur tiegħu Patri Spir u miet ftit wara fl-eta ta' sittin sena; kien is-17 ta' Frar, 1916. Il-funzjoni funebri saret fil-knisja ta' San Pawl il-Belt Valletta fid-19 ta' Frar u wara b'korteo, indifen fiċ-Ċimiterju ta' Marija Addolorata fil-qabar tas-Sodalità tal-Qassisin li fiha kien miktub. Fil-ġurnali inkitbu ħafna obitwarji li kollha faħħru l-kwalitajiet sbieħ ta' Dun Xand speċjalment il-kontribut li ta

lil-letteratura Maltija, l-umiltà li kellu u s-sehem kbir li ta bil-predikazzjoni tiegħu.

Għalkemm Dun Xand ma kienx xi bniedem li jħobb il-ftaħir u dejjem żamm profil baxx, għamel isem bil-kontribut kbir li ta. F'Santa Venera, il-post li Dun Xand tant stinka għalih hemm l-iskola primarja msemmija għalih. Fil-ġnien pubbliku 'Romeo Romano' twaqqaf bust li jirreferi għal Dun Xand bħala l-'Fundatur tal-Parroċċa ta' Santa Venera'. F'Ħad-Dingli, f'Santa Venera u f'Birkirkara ssemmew toroq kif mistħoqq għal Dun Xand, iben denn tal-parroċċa tagħna.




*Is-santa b'tifkira tal-mewt ta' Dun Xand Cortis*

**Daħak b'martu**

Qrib Ħad-Dingli kien hemm naqra ta' raħal jismu Ħal Tartarni. Għadu jissemma sal-lum. Fih kienu jgħixu qalb waħda u għalenija, Limpepp u martu Gorda. Iżda, wara xi żmien, daħħal denbu bejniethom ix-xitan. Sewwa jgħidu li m'għandux ħalib u jagħmel il-ġbejniet. L-imbierek ta' Limpepp, wara x-xogħol, dari dejjem issibu miġbur id-dar. Imma, imbagħad, ħa l-għada (drawwa) misħuta li jmur fil-ħanut. Filgħaxija, l-aktar fix-xitwa, hemm kont issibu. Erħilu hawn jilgħab u jbekbek (jixrob) xi qatra. Jilħaq iċappaslek hemm sal-ħdax ta' bil-lejl. Gorda tiegħu għalxejn twiddbu, għalxejn twissih, minn widna jidħol u mill-oħra joħroġ. Treddinlu dejjem fil-fieragħ u tibqa' bih f'wiċċha.

Lejla waħda kien bard għall-aħħar u ċirċir (umdu bix-xita) mill-iżjed – sikwit nieżla x-xita. "Il-lejla daqqli," qalet Gorda bejnha u bejn ruħha. "Nagħmilhielu. Ma niftaħlux!"

U sakkret il-bieb minn ġewwa.

Limpepp xħin deherlu mar iħabbat: bubb-bubb il-bieb. Għall-ewwel martu ma weġbitux, taparsi rieqda. Fl-aħħar infasdet (infexxet tirrabja miegħu) u erħilha tgħidlu kulma jiġiha fi lsienha.

"Iftaħli jaħasra, Gord! Sirt għasra, imxarrab fellus, mirżuħ bil-bard. Kif ngħidlek, ma nżidx iżjed, il-ħwienet spiċċaw għalija."

"Il-lejla nħallsek ta' kollox. Inħallik tibbiex fix-xita u l-bard."

"Iftaħli, għal ruħ kemm mejtin għandek."

"Anqas jekk naf li x'naf, anqas jekk terġa' tiġi ommi."

"Arani, mela, se ninxteħet fil-bir."

X'jagħmel? Jaqbadlek ħaġra daqsiex, u b'kemm saħħa għandu jitfagħha fil-bir. Martu kienet tibla' daqs mazzun, għaliha xteħet tassew. Terġa' kien dlam ċappa, ma setgħet tara xejn. Erħilha tgħajjat daqs miġnuna, tinżel titgerbeb mat-taraġ, tiftaħ il-bieb u toħroġ barra. Limpepp jinqaqla' minn fejn kien imwarrab, jimbokka (jidħol ġewwa), isakkar u erħilu jiddieħek b'Gorda tiegħu!

"Offi għalik!" jgħidilha. "Kemm tħobbu r-riħ! Min kien bħalek!"

"Ħaqqni għax ħennejt għalik! Għal darba oħra, ja xadin fuq xkaffa!"

Sa fl-aħħar, bit-tiela' u bin-nieżel, fetħilha, tlewmu ftit ieħor bejniethom u marru jorqdu bla sliem.

**L-Aċċjomu**

Mela darba, nhar Ħamis ix-Xirka, iz-Zigaran, is-sagristan tal-Knisja ta' Ħad-Dingli, mar joħroġ l-Aċċjomu min-niċċa biex tiegħu biex iħejjih għall-prietka tal-passjoni ta' dik il-lejla. U xbin, bil-ħabta li ħabbtu għamlu frak. Iz-Zigaran baqa' donnu ras maqtugħa. Ried kieku jgħattiha l-biċċa, imma ma setax. Kellu, bil-qalb it-tajba, imur iwassalha lill-Kappillan.

Inħallikom taħsbu jekk il-Kappillan infuskax. Erħilu jtella' u jniżżel kif sejjer jagħmel. Aċċjomu m'għandux, ħin jissellef ma fadalx. Kienet saret l-Ave Marija.

Sa fl-aħħar ġietu. "Baħrin aħna!" qal f'qalbu. "Ħabat sewwa li għandi nipprietka jien din is-sena!"

Fil-ħin jixref fil-bieb ta' barra u jgħajjat lil bin Grezz, tfajjel donnu żigromblu (oħxon). "Talhawn, (ejja 'l hawn), Pepp! Talhawn isa!"

Billi kien imdewwaq biċ-ċajtiet, spara jiġri daqs balla għal ħdejh. "Isma', Pepp! Jekk il-lejla fil-prietka tal-passjoni tagħmilhieli tal-Aċċjomu, ħsieb tiegħi x'nagħtik." (ħalli f'idejja x'nagħtik.)

"Kif!? Tal-Aċċjomu?"

"Taf kif, xħin inkun nipprietka, iġibuk fuq il-pulptu, quddiemi b'biċċa ħamra sabiħa fuq spallejk, bil-kuruna f'rasek u bil-qasba f'idek. Taf kemm tkun sabiħ! ... Trid hekk?"

"Jiena rrid, jekk tħallini ommi. Ħalli mmur ngħidilha!"

Ħareġ. Telaq ġirja waħda, mar għand ommuu qalilha b'kollox. Ommu ma ferħitx ftit. Araha sejra tiġri ma' Peppi tagħha għand il-Kappillan.

"Sur Kappillan," qaltlu, "hekk u hekk ma qalli ibni. Għalija agħmel bih li trid qisu tiegħek."

"Tajjeb wisq, Grezz. Niżżikħajr, serraħtli moħħi. Biss, nitolbok turi xejn lil ħadd."

"Isbaħ din! Sejra! Saħħa, Sinjur."

"Saħħa wisq! It-tifel ħallihuli hawn."

Biex ma nġibhiex bi twila, il-Kappillan jgħallem u jisħaq fuqu. Jgħidlu x'għandu jagħmel, kif iġib ruħu. L-imbierek kien moħħu jerfa', u qabad malajr, xorob kulma qallu.

"Fhimtni hux, Pepp? X'ħin nibda ngħidlek, 'Mulejja aħfirlu lil dan il-poplu!', int arma talla' rasek 'il fuq. U sakemm noqorsok minn wara ara tbaxxiha. Fhimtni, mela, hux?"

"U iva, fhimtek."

Jitla' l-Kappillan jipprietka, jasal ħin l-Aċċjomu u arah Peppi ħdejh, taparsi Kristu.

Wara li l-Kappillan qal erba' kelmiet bil-għaqal, qanqal lil kulħadd, u jitfa' għajnejh fuq l-Aċċjomu.

"Aħfirlu, Mulejja," jgħidlu għal bosta drabi, "aħfirlu lil dan il-poplu!"

L-Aċċjomu ta' kull darba jerfa' rasu 'il fuq.

In-nies kulħadd inbala': infexxew f'bikja waħda.

Grezz, omm l-Aċċjomu, kienet hemm ukoll. Għall-ewwel żammet ftit, imbagħad ma felħitx iżjed.

"Ibni Peppi", qabżet qaltlu, "aħfrilhom lil dawn in-nies!"

"J'omm, għadu ma qarasnix il-Kappillan!"

Hawn spiċċat il-prietka, spiċċa l-biki u spiċċa kollox.